**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 1 ta` Novembru 2016**

**Kawza Nru. 5**
**Rik. Gur. Nru. 858/16 JZM**

**Curtain Call Company Limited (C-53037)**

***kontra***

**Vera Maria Sant Fournier (9685 G) ezercenti l-kummerc Vera Sant Fournier Design Studios**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat tal-kumpannija attrici prezentat bil-procedura sommarja specjali fis-27 ta` Settembru 2016 li jaqra hekk :–

*1. Illi s-socjeta` rikorrenti rrendiet servizzi u kkonsenjat prodotti lill-intimata fuq struzzjonijiet taghha fl-ammont ta` tmienja u ghoxrin elf erba` mija u tnejn Euro u disgha u tletin centezmu (Eur 28,402.39);*

*2. Illi s-socjeta` rikorrenti nterpellat lill-intimata diversi drabi nkluz permezz ta` zewg ittri ufficjali datati 20 ta` Lulju 2016 sabiex thallas dan l-ammont izda l-intimata baqghet inadempjenti.*

*3. Illi ghalhekk illum-il gurnata u fid-data prezentata tal-prezenti kawza s-somma ta` tmienja u ghoxriin elf erba` mija u tnejn Euro u disgha u tletin centezmu (Eur 28,402.39) hija somma certa, likwida u dovuta ai fini u effetti kollha tal-ligi u ghandha tithallas mill-intimata lis-socjeta` rikorrenti;*

*4. Illi r-rikorrenti kellha tressaq din il-kawza billi l-intimata baqghet inadempjenti;*

*5. Illi ghalhekk l-intimata fil-kawza odjerna m`ghandha l-ebda linja difensjonali x`taghti in kontro-trattazzjoni ghat-talba tar-rikorrenti u b`hekk jezistu c-cirkostanzi kollha kkontemplati fil-ligi halli din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha;*

*1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta; u*

*2. Tikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta` tmienja u ghoxrin elf erba` mija u tnejn Euro u disgha u tletin centezmu (Eur 28,402.39);*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra gudizzjarja datata 20 ta` Lulju 2016, bl-oghla imghax skont il-ligi minn meta tali ammont gie dovut sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez u tal-mandat ta` sekwestru mressaq kontestwalment mal-imsemmija ittri ufficjali.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati minnha u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat in-nota tal-intimata li kienet prezentata fil-21 ta` Ottubru 2016 li taqra hekk :–

*Illi l-intimata qeghda tikkontesta t-talbiet relattivi, partikolarment billi kif gja` gabet a konjizzjoni tas-socjeta` attrici kienet sejra thallas is-sorte mitluba, kif trasmess ukoll precedentement tramite korrispondenza legali biss ftit gimghat ilu - u li l-istess korrispondenza tista` tigi pprezentata fl-atti tal-kawza;*

*Illi fl-isfond tal-korrispondenza msemmija, kif ukoll korrispondenza bejn l-intimata u s-socjeta` attrici ossia dirigenti taghha (partikolarment Anna Satariano), l-intimata kienet qeghda taghmel il-kontrolli taghha ta` diversi fatturi ossia invoices sabiex jigi saldat id-debitu;*

*Illi fil-fatt, irrizultaw xi nkonsistenzi u saru wkoll xi aggiustamenti u emendi;*

*Illi nonostante cio`, is-socjeta` attrici pprocediet gudizzjarjament permezz ta` din il-kawza;*

*Illi t-talba gudizzjarja relattiva hija ntempestiva partikolarment fid-dawl li l-intimata kienet accettat li thallas dak dovut;*

*Ghaldaqstant, l-intimata lesta thallas l-ammont dovut izda qeghda tikkontesta fuq il-kap tal-ispejjez stante li l-kawza saret bla bzonn.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum.

Rat in-nota li l-konvenuta pprezentat illum, li permezz taghha ammettiet it-talbiet attrici kif dedotti.

**Ghaldaqstant, fuq ammissjoni tal-konvenuta tat-talbiet attrici kif dedotti, taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-kumpannija attrici s-somma ta` tmienja u ghoxrin elf erba` mija u tnejn Euro u disgha u tletin centezmu (€28,402.39), bl-imghax legali kif mitlub, u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta` Lulju 2016 u dawk tal-mandat ta` sekwestru ndikat fir-rikors guramentat.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**